Fil-ħames motiv, ir-rikorrenti jallegaw ksur tal-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 1/2003 u ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni taħt l-Artikolu 296(2) TFUE u l-Artikolu 41(2)(ċ) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. F'dan ir-rigward, huma jindikaw li l-konvenuta tbiegħdet b'mod arbitrarju mill-metodu ta' kalkolu indikat fid-deċiżjoni kkontestata.

Fis-sitt motiv, ir-rikorrenti jsostnu li fil-kalkolu tagħha tal-multa, il-konvenuta kisret l-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 1/2003 minħabba abbuż ta' poter u ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

Fis-seba' motiv, ir-rikorrenti jallegaw il-ksur tal-Artikolu 296(2) TFUE u tal-Artikolu 41(2)(ċ) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għaliex il-konvenuta ma mmotivatx aspetti fundamentali tad-deċiżjoni kkontestata.

Fl-aħħar nett, bħala t-tmien motiv huwa allegat li l-konvenuta kisret id-dritt għal smigħ tar-rikorrenti taħt l-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 1/2003 u tal-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għaliex ma kkonsultatx lir-rikorrenti fir-rigward ta' aspetti essenzjali.

(1) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

## Rikors ippreżentat fit-13 ta' Settembru 2010 — Elena Grebenshikova vs UASI — Volvo Trademark (SOLVO)

**(Kawża T-394/10)**

(2010/C 301/79)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Elena Grebenshikova (St. Petersburg, il-Federazzjoni tar-Russja) (rappreżentant: M. Björkenfeldt, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Volvo Trademark Holding AB (Göteborg, l-Isvezja)

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tad-9 ta' Ġunju 2010, fil-Każ R 861/2010-1;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark figurattiva "SOLVO" għal prodotti fil-klassi 9

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* ir-reġistrazzjoni Nru 747361 tat-trade mark figurattiva "VOLVO" fir-Renju Unit għal varjetà wiesgħa ta' prodotti u servizzi, ir-reġistrazzjonijiet Nru 1552528, Nru 1102971, Nru 1552529 u Nru 747362 tat-trade mark verbali "VOLVO" fir-Renju Unit għal varjetà wiesgħa ta' prodotti u servizzi; ir-reġistrazzjonijiet Komunitarji Nru 2361087 u Nru 2347193 tat-trade mark verbali "VOLVO", fost oħrajn, għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9 u 12

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni miċħuda kollha kemm hi

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni annullata u applikazzjoni għat-trade mark miċħuda.

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009 inkwantu l-Bord tal-Appell applika, b'mod żbaljat, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu; ksur tal-prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni mill-Bord tal-Appell, li huwa l-prinċipju ta' trattament ugwali; ksur tal-Artikolu 1 tal-Ftehim dwar l-aspetti tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali relatati mal-kummerċ (Ftehim TRIPs) u ksur tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni ta' Pariġi dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali.

## Rikors ippreżentat fl-14 ta' Settembru 2010 — Stichting Corporate Europe Observatory vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-395/10)**

(2010/C 301/80)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Stichting Corporate Europe Observatory (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: S. Crosby, solicitor, u S. Santoro, lawyer)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla r-rifjut impliċitu tat-talba konfermatorja tar-rikorrenti

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikors huwa intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad impliċitament it-talba tar-rikorrenti, imressqa skont ir-Regolament Nru 1049/2001 [1], ta' aċċess għal ċerti dokumenti dwar in-negozjati kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Indja.

Ir-rikorrenti tissolleva tliet motivi insostenn tar-rikors tagħha.

L-ewwel nett, hija ssostni illi l-Kummissjoni kisret ir-Regolament Nru 1049/2001 billi ma rrisponditx għat-talba konfermatorja fit-terminu previst.

It-tieni nett, ir-rikorrenti tallega li l-Kummissjoni kisret ir-Regolament Nru 1049/2001 u t-Trattat billi ċaħdet impliċitament talba konfermatorja mingħajr ma tat raġunijiet jew mingħajr ma tat raġunijiet skont ir-rekwiżiti mitluba mit-Trattat u mill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-tielet nett, hija ssostni illi billi ma rrisponditx it-talba konfermatorja, il-Kummissjoni kisret formalità proċedurali sostanzjali jew ikkommettiet żball ta' liġi.

(1) Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2010, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331)

## Rikors ippreżentat fit-8 ta' Settembru 2010 — Zucchetti Rubinetteria vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-396/10)**

(2010/C 301/81)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Zucchetti Rubinetteria SpA (Gozzano, l-Italja) (rappreżentanti: M. Condinanzi, avukat, P. Ziotti, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet tar-rikorrenti

— prinċipalment, tannulla d-deċiżjoni kkontestata.

— sussidjarjament, tikkanċella jew tnaqqas l-ammont tal-multa imposta.

— b'mod iktar sussidjarju, tnaqqas il-multa billi tilqa' t-talba li tiġi applikata l-attenwanti li tinsab fil-punt 29 tal-Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi.

— Fi kwalunkwe każ, tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Id-deċiżjoni fil-proċedimenti preżenti hija l-istess tal-Kawża T-368/10, rubinetteria Cisal vs Il-Kummissjoni.

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma simili għal dawk imressqa f'din il-kawża. B'mod partikolari, ir-rikorrenti ssostni li l-prodotti kkunsidrati fid-deċiżjoni jappartjenu għal tliet swieq differenti u Zucchetti hija preżenti biss fis-suq tal-viti tal-ilma, u li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni ma tipproċedix b'identifikazzjoni minn qabel tas-suq rilevanti. Id-Deċiżjoni hija wkoll ivvizzjata mill-aspett tal-analiżi tal-estensjoni ġeografika tas-suq kif ukoll mill-aspett tal-effetti li l-ftehim kien jipproduċi fuq il-kundizzjonijiet tal-funzjonament tas-suq.

Ir-rikorrenti żżid li r-rikostruzzjoni tal-ftehim u/jew tal-prattiki miftehma li wasslu sabiex il-Kummissjoni tattribwixxi lir-rikorrenti ksur uniku, kumpless u kontinwu tal-Artikolu 101 TFUE minħabba s-sempliċi aġir kolluživ fl-Italja, hija vvizzjata u nieqsa minn motivazzjoni u tonqos milli turi li r-rikorrenti kienet taf dwar l-imġieba illegali min-naħa tal-impriżi l-oħra li allegatament ipparteċipaw fil-kartell.

## Rikors ippreżentat fit-13 ta' Settembru 2010 — ara vs UASI — Allrounder (Rappreżentazzjoni ta' żarbuna tal-isports bl-ittra A fil-ġenb)

**(Kawża T-397/10)**

(2010/C 301/82)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* ara AG (Langenfeld, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Gail, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)